MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 327/1991/3

**Perit Rene Buttigieg u b'digriet tal-14 ta' Novembru, 2006 il-gudizzju gie trasfuz fuq Sandra Kirkpatrick, Maria Borg Costanzi u Franco Buttigieg bhala werrieta tar-rikorrenti li miet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura u d-Direttur tax-Xoghlijiet u b'digriet tas-27 ta' Mejju 1991 gew kjamati in kawza l-Onorevoli Lorry Sant u l-AIC Michael Busuttil u b'nota tat-23 ta' Mejju 1995 il-Ministru ghall-Ambjent assuma l-atti minflok il-Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura filwaqt li d-Direttur Generali assuma l-Atti minflok id-Direttur tax-**

**Xoghlijiet u b'digriet tal-21 ta' April 1997 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmen Sant minflok l-Onorevoli Lorry Sant li miet fil-mori ta' dawn il-proceduri**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Din hi decizjoni dwar il-validita` ta' dan l-appell peress li giet sollevata l-eccezzjoni li l-appell gie prezentat *fuori termine* u li ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tieghu.

Dan l-appell sar ad istanza tar-rikorrenti Sandra Kirkpatrick, Maria Borg Costanzi u Franco Buttigieg bhala werriet tal-Perit Rene Buttigieg minn sentenza moghtija fit-8 ta' Ottubru, 2010 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li biha ddikjarat li bl-agir tieghu l-kjamat fil-kawza l-Onor Lorry Sant wettaq vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u in partikolari d-dritt tal-protezzjoni kontra t-trattament degradanti, umiljanti u inuman u d-dritt li jipportegi mid-diskriminazzjoni u dan bi ksur tal-Artikoli 36 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u li l-intimati huma wkoll responsabbli indirettament versu r-rikorrenti ghal dawn il-vjolazzjonijiet. Iddikjarat ukoll li ma jirrizultax ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tant li din il-Konvenzjoni mhux applikabbli ghal dan il-kaz u li ma tirrizulta ebda vjolazzjoni imputabbli lill-kjamat fil-kawza l-Perit Michael Busuttil. Is-sentenza appellata kompliet tiddikjara li d-dikjarazzjoni msemmija hi bizzejjed bhala rimedju ghall-imsemmija vjolazzjonijiet u ghalhekk mhux ser jinghataw provvedimenti ulterjuri b'rimedji ohra u in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz iddecidiet li l-ispejjez kollha jithallsu kwantu ghal nofs mir-rikorrent, mill-kjamat fil-kawza l-Perit Michael Busuttil, mill-intimat Ministru ghall-Ambjent u mill-intimat Direttur Generali bejniethom u kwantu ghar-rimanenti nofs jithallas mill-kjamat fil-kawza l-Onor Lorry Sant.

**Ir-risposta tal-intimati Ministru ghall-Ambjent gia` Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura u tad-Direttur**

**Generali tax-Xoghlijiet gia` Direttur tax-Xoghlijiet u Appell Incidentali tal-istess**

Fir-risposta taghhom l-appellati msemmija issottomettew li l-appell da parti tar-rikorrenti appellanti gie intavolat tardivament peress li ma giex intavolat fiz-zmien ta' ghoxrin gurnata mid-data tad-decizjoni appellata u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni tieghu. Fir-risposta taghhom imbaghad l-appellati msemmija ghaddew biex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom u biex jirrispingu l-aggravji tar-rikorrenti appellanti migjuba fir-rikors tal-appell taghhom.

**Ir-risposta tal-appell tal-kjamat in kawza AIC Michael Busuttil**

Fir-risposta tieghu l-kjamat fil-kawza AIC Michael Busuttil wiegeb li preliminarjament ir-rikors promotorju tar-rikorrenti gie prezentat tardivament peress li gie eccedut il-perjodu li tippermetti l-ligi liema perjodu hu wiehed ta' dekadenza u din il-Qorti giet mitluba tapplika s-sanzjoni ta' tardivita` liema regola tifforma parti mill-*public policy,* bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellant. Minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, il-kjamat fil-kawza AIC Michael Busuttil sostna li s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi applikata u konfermata.

L-appellata Carmen Sant ma ghamlitx risposta ghar-rikors tal-appell.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011 dan l-appell kien gie differit ghas-sentenza ghal-lum 28 ta' Novembru 2011 unikament dwar il-pregudizzjali tan-nullita` tal-appell principali.

Jirrizulta li s-sentenza appellata inghatat fit-8 ta' Ottubru 2010. Minn din is-sentenza l-appellanti kellhom zmien ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza sabiex jintavolaw

appell minnhu ghal quddiem din il-Qorti[1]. Iz-zmien ghall-appell kien ghalhekk jiskadi fit-28 ta' Ottubru 2010. L-appell tar-rikorrenti appellanti Sandra Kirkpatrick, Maria Borg Costanzi u Franco Buttigieg gie prezentat fl-1 ta' Novembru 2010 u cioe` meta t-terminu skont il-ligi ghall-appell kien gia` skada.

Kif ormai huwa stabbilit, it-termini ghall-appell huma ta' ordni pubbliku u ma tista' ssir ebda deroga minnhom ghal ragunijiet ta' certezza tad-dritt u uniformita` ta' trattament[2].

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-ilment tal-appellati Ministru ghall-Ambjent gia` Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura u tad-Direttur Generali tax-Xoghlijiet gia` Direttur tax-Xoghlijiet u tal-appellat kjamat in kawza AIC Michael Busuttil dwar it-tardivita` tal-appell u filwaqt li tiddikjara l-istess appell irritu u null ghax ipprezentat *fuori termine* konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

L-ispejjez marbuta ma' din id-decizjoni jithallsu mir-rikorrenti appellanti Sandra Kirkpatrick, Maria Borg Costanzi u Franco Buttigieg *in solidum*.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara r-regolament 4(2) tar-Regolamenti dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni,
AL 279/2008

[2] Ara Qorti tal-Appell **JF Security & Consultancy Services Limited et v. Fondazzjoni ghas-Servizzi Medici et**, 6 ta' Mejju 2011 u s-sentenzi hemm citati.